MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Numru. 4/2005

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**Michael Galea**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Michael Galea ta' 40 sena, imwieled H'Attard fl-4 ta' April 1964, iben Lawrence u Lourdes nee` Bonello, residenti "The Croft", Triq it-Tullier, Attard, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 224264(M):

Akkuzat talli f'Had Dingli u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar tnax-il xahar qabel it-22 ta' Jannar 2004:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) U aktar talli kien fil-pussess tad-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kellux licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

> liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2005, xehed **l-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Norbert Ciappara**[1] li qal illi fil-21 ta' Jannar 2004, huwa kien gie nfurmat mill-AC Debattista li kienet qeghda ssir investigazzjoni nterna rigward abbuz tad-droga minn membru fil-korp tal-pulizija u sussegwentement, gew investigati wkoll l-imputat u certu Franco Farrugia. In kontro-ezami, huwa kkonferma illi l-investigazzjoni kienet originarjament bdiet dwar terza persuna u mhux dwar l-imputat u Farrugia. Fl-istess seduta xehed ukoll **l-Assistent**

[1] A fol. 10 sa 12 tal-process.

**Kummissarju Paul Debattista**[2], li qal illi f'Jannar 2004, huwa kien qed jinvestiga kaz ta' abbuz u traffikar tad-droga dwar nies li jiffrekwentaw l-inhawi ta' Had-Dingli, liema kaz originarjament beda jigi investigat dwar suspett f'membru tal-pulizija in konnessjoni ma' abbuz tad-droga.

Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2005, xehed **Charles D'Anastasi**[3], li qal illi huwa kellu l-vizzju tal-kokaina u li kien ilu xi erba' xhur b'dan il-vizzju. Kien ghamel zmien jabbuza mill-kokaina barra minn Malta u meta gie lura Malta, qata' mill-vizzju ghal kollox, izda sussegwentement kien bl-inkwiet mal-mara, mar il-Kazin ta' Had-Dingli u ltaqa' mal-imputat, li offrielu l-kokaina. Dan sehh xi tlieta jew erba' darbiet. Dakinhar (b'referenza ghall-Kazin ta' Had-Dingli), Franco Farrugia ma kienx hemm, izda kien hemm drabi li kien mieghu u mal-imputat. Ix-xhud qal illi dejjem l-imputat kien jipprovdi l-kokaina u li lilu Franco Farrugia qatt ma pprovdielu kokaina. Mistoqsi kemm kien ihallas ghaliha, huwa wiegeb li qatt ma hallas ghall-kokaina u li fl-ebda hin ma hareg il-flus.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2006, giet moqrija lix-xhud **Charles D'Anastasi** x-xhieda tieghu tal-24 ta' Jannar 2005, liema xhieda huwa rega' kkonfermaha, kif ukoll ix-xhieda moghtija minnu fil-25 ta' Marzu 2004, fi proceduri separati li kienu saru fil-konfront tieghu. Huwa kkonferma wkoll din ix-xhieda. F'din ix-xhieda tal-25 ta' Marzu 2004, Charles D'Anastasi ikkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja waqt l-interrogazzjoni tieghu. Huwa qal illi huwa membru tal-korp tal-pulizija u li fil-jum ta' qabel huwa kien abbuza mid-droga kokaina fit-*toilet* waqt li kien qieghed fil-Kazin ta' Had-Dingli u li kien ilu jabbuza mid-droga xi seba' jew tminn xhur. Qal illi huwa jgib id-droga minn Bugibba u gieli minn postijiet ohrajn u kien jixtri minghand nies differenti. Qal illi huwa qatt ma deher meta xtara d-droga u dejjem xtralu haddiehor u rrefera ghal wiehed jghidulu l-Hansa u ghal Michael, li jkunu flimkien. Qal illi kien ihallas Lm40 ghal gramma. Huwa qal illi kien ilu jiehu d-droga mal-Hansa u ma' Michael ghal dawn l-ahhar hmistax jew tlett gimghat u li qabel kien igib id-droga mill-Gzira. Mistoqsi dwar il-fatt li izjed kmieni huwa qal illi kien jixtri l-kokaina minn

[2] A fol. 19 sa 21 tal-process.
[3] A fol. 22 sa 25 tal-process.

Bugibba, huwa qal illi ma kienx huwa li kien jixtri d-droga, izda kien jixtri haddiehor u kienu jaqsmu bejniethom, imbaghad kien imissu t-*turn* tieghu hu. Huwa rrefera ghall-hanut tax-xorb – *The Cave* li jinsab Bugibba u li kien jabbuza mill-kokaina fit-*toilet.* Qal illi kien ikun hemm ukoll Michael u l-Hansa, kif ukoll il-lavrant. Huwa qal ukoll illi waqt li kien il-Kazin tal-Banda gibed il-kokaina, wahda mill-gibdiet hassha tahraqlu mniehru minn gewwa sa wara ta' ghajnejh ghal go rasu, b'kollox kien gibed disa' linji, u meta mar id-dar hassu hazin u ttiehed gewwa l-isptar. L-ghada hareg mill-isptar u fil-ghaxija baghat ghalih l-AK Debattista li talbu biex imur gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Marzu 2006, mistoqsi liema kienet ix-xhieda ezatta u cioe` jekk kienx l-imputat biss jew kinux l-imputat u l-Hansa li kienu jgibu d-droga, **Charles D'Anastasi** wiegeb illi ghalkemm kien qal illi 'imbaghad kien imissu t-*turn* tieghu', dak it-*turn* qatt ma rnexxa ghax gara li gara – fis-sens illi hassu hazin u mar l-isptar. Huwa qal illi l-imputat gieli gab droga, izda l-Hansa qatt ma gab. Qal illi huwa ma kienx korrett meta qal illi l-Hansa kien gab id-droga ghaliex kien ghadu kif hareg minn *overdose* u dakinhar hassu mdamdam u mkisser bl-izball li kien ghamel. Qal illi xtraw bil-kunsens tieghu u li kienu jixxerjaw id-droga flimkien. Qal illi ghalkemm huwa qatt ma deher, is-sehem tieghu hargu.

Fis-seduta tas-16 ta' April 2007, xehed **Franco Farrugia**[4] li qal illi huwa kien gie arrestat u interrogat dwar okkazzjoni li fiha l-imputat, Charles D'Anastasi, id-Dusu u hu kienu qeghdin f'Kazin u kienu abbuzaw mid-droga kokaina. Mistoqsi min kien tahom id-droga kokaina f'dik l-okkazzjoni, qal illi dak li jiftakar kien li D'Anastasi fetah id-djarju u beda jaghmel xi telefonati, izda ma kienx jaf min kien gab id-droga. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien indika precedentement min kien gab id-droga dakinhar, huwa qal illi dakinhar beda jghid affarijiet li gewh f'mohhu, qal illi huwa qatt ma kellu x'jaqsam mal-pulizija u li l-Kummissarju beda jghajjat mieghu. Qal illi huwa beda jipprova johrog minn din l-istorja li ma kienx basar li kienet daqstant serja. F'dan l-istadju saret referenza ghall-istqarrija li kien irrilaxxja x-xhud dwar dan l-incident, liema

[4] A fol. 58 sa 61 tal-process.

stqarrija huwa kkonferma li kienet korretta, hlief ghal dettal zghir dwar meta kien abbuza huwa stess mid-droga kokaina f'okkazzjoni precedenti. F'din l-istqarrija, dwar l-okkazzjoni li fiha kienu flimkien il-*Cave Bar* gewwa Bugibba, ix-xhud qal illi huwa kien hemm mat-tfajla tieghu, li ha *drink* u telaq u li dakinhar kien hemm l-imputat u Charlie. Huwa qal ukoll illi kien hemm okkazzjoni wahda fejn kienu hadu d-droga kokaina flimkien gewwa l-Kazin ta' Had-Dingli u li Charlie kien il-Kazin maghhom f'okkazzjoni wahda. Qal illi dakinhar, meta mar gewwa l-Kazin, huwa sab lill-imputat u lil D'Anastasi hemmhekk u kien hemm iehor li ma kienx jafu. Kien jaf li kienu qeghdin jiehdu l-kokaina gewwa t-*toilet* u xi hadd kien ghamillu sinjal biex jidhol hu wkoll, dahal u sab linja fil-hogor tat-tieqa. Huwa gibed darba, ma hallasx flus u ma jafx min kien hallas. Fil-proceduri, imbaghad, wara li kkonferma dan kollu, Farrugia qal illi ma kienx jaf min gabha d-droga u lanqas ma kien jaf lil min kien cempel jew ghaliex kien cempel D'Anastasi. Qal illi ma semghux jitkellem, ghalkemm il-konversazzjoni saret gewwa l-Kazin, izda huwa kien xi erba' jew hames metri l-boghod minnu. Huwa cahad dak li kien qal D'Anastasi fis-sens illi kienu huwa u l-imputat li kienu jgibu l-kokaina biex tinqasam bejniethom. Wara qal illi D'Anastasi kien korrett meta qal illi qatt ma kien xtara droga minghand ix-xhud. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien irrilaxxja stqarrija ohra fil-presenza tal-AC Paul Debattista. Huwa qal illi fl-okkazzjoni li fiha kienu l-Kazin, id-droga kokaina gie ikkonsmatha hemmhekk u li kienu l-erba' persuni li semma' qabel, li kienu flimkien u li kkunsmaw il-kokaina fil-post imsemmi.

Giet esebita wkoll it-tieni stqarrija li giet rilaxxjata mix-xhud fit-23 ta' Jannar 2004.

Fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2009, rega' xehed **Franco Farrugia**[5] li qal illi b'referenza ghal dak li kien qal fix-xhieda precedenti tieghu u cioe` illi l-Kummissarju John Rizzo u l-AC Paul Debattista bdew jivvintaw l-istejjer, huwa qal illi biex jitlaq il-barra, huwa vvinta storja. Qal illi dakinhar huwa kellu jdoqq f'tieg u ghalhekk b'referenza ghat-tieni stqarrija, huwa ra x'ivvinta biex jibaghtuh l'hemm u ma gie mgieghel jghid xejn minn hadd. In kontro-ezami,

[5] A fol. 84 sa 88 tal-process.

ix-xhud rega' kkonferma li d-droga giet ikkunsmata fuq il-post minnu u mit-tlett persuni l-ohra li kien semma.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fl-24 ta' Jannar 2004[6], **l-imputat** qal illi filghaxija, huwa ta' spiss ikun gewwa l-Kazin ta' Had Dingli jiehu *drink*, li Charles D'Anastasi kien klijent tal-hanut tieghu u kien ilu jafu xi ghaxar snin, li Franco tal-Hansa huwa habib tieghu u li kienet f'okkazzjoni wahda li kienu t-tlieta li huma flimkien gewwa l-Kazin ta' Had Dingli. Dan kien nhar it-Tlieta, 20 ta' Jannar 2004. Huwa nnega li dakinhar huma hadu l-kokaina flimkien u nnega wkoll illi xtara l-kokaina minghand Reuben tal-*Cave Bar* f'Bugibba. Qal illi huwa kien ta *cheque* ta' Lm40 lil Reuben ghaliex kellu jaghtih Lm38 dwar flus li kien tah qabel, u ghamel zewg liri zejda ghad-*drinks*. L-imputat innega li dan kien il-prezz ta' gramma kokaina u nnega wkoll illi kien qatt ha kokaina. Mistoqsi kif allura t-test ghall-kokaina li sarlu gewwa l-Isptar irrizulta pozittiv ghall-kokaina, huwa wiegeb li ma kienx jaf u nnega li qatt biegh droga jew ghadda droga lil haddiehor.

Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2011, xehed l-imputat **Michael Galea**[7]. Huwa qal illi huwa kien gie arrestat xi l-4.00 p.m. f'Jannar tas-sena 2004 dwar incident li kien sehh jumejn qabel meta kienu qeghdin jiehdu *drink* gewwa bar. Huwa qal illi f'dik l-okkazzjoni kienu qeghdin hu, Franco l-Hansa u Charles il-Ginger u kienu qeghdin gewwa l-Kazin ta' Had-Dingli. Kienu ltaqghu hemmhekk. Huwa spjega illi Franco u hu kienu jiltaqghu hemm, li din kienet rutina normali, izda ghalkemm Charlie gieli kien ikun hemm, dik kienet l-ewwel darba li kienu hemm flimkien. Huwa qal illi lil Charlie ma kienx jiffrekwentah kif kien jiffrekwenta lil Franco, izda kien iltaqa' ma' Charlie is-Sibt ta' qabel l-incident gewwa l-Kazin go post – *The Cave* – f'Bugibba. L-okkazzjoni tal-Kazin kienet l-ewwel darba li kienu flimkien u kien hemm Franco wkoll. Ma kinitx normali li hu u Charlie kienu jkunu flimkien. Qal illi dakinhar li ltaqghu l-Kazin, huwa mar hemmhekk wara x-xoghol, u hemmhekk sab lil Franco u lil Charlie li kien qed jitkellem fuq mejda ma' haddiehor. Ghadda ftit hin u inghaqdu t-tlieta li huma

6 A fol. 16 sa 18 tal-process.
7 A fol. 120 sa 131 tal-process.

flimkien. Wara li bdew jixorbu flimkien, iddecidew li jgibu d-droga u dakinhar hadu gramma kokaina flimkien. Ma kinux iddecidew qabel li ser igibu d-droga, izda ftehmu li jaghmlu dan waqt li kienu qeghdin jiehdu *drink*. Mistoqsi minn fejn gabu d-droga, huwa qal illi Charlie kien qal li kien jaf lil xi hadd mill-Gzira, pero` ma kienx jaf izjed minn hekk. Li kien jaf hu li kien ha d-droga flimkien maghhom. Ma kienx jaf kif kien gabha u x'aktarx li gabha dak il-hin, izda li kien jaf kien li rah icempel. Meta saritlu referenza ghall-verzjonijiet li kien ta Charles D'Anastasi, l-imputat wiegeb illi ma Franco ghamilhom dawn l-affarijiet – fis-sens illi abbuzaw mid-droga kokaina flimkien. Madankollu, huwa kien iltaqa' darb'ohra biss ma' Charlie gewwa *The Cave* is-Sibt ta' qabel meta Charlie kien qieghed hemm, apparti fl-okkazzjoni tal-Kazin, fejn kienu flimkien. Il-bqija qatt ma ltaqa' mieghu jew kien mieghu, ghalkemm kien ilu jafu bhala klijent tal-hanut tieghu. Mistoqsi min hallas ghad-droga u kif sar il-hlas, b'referenza ghall-okkazzjoni tal-Kazin, l-imputat wiegeb illi kulhadd hareg sehmu, lilu talbuh sehmu wkoll u d-droga nxtrat bejniethom u giet ikkunsmatha kollha gewwa t-*toilet* tal-Kazin. Qal illi huwa telaq qabel l-ohrajn u l-ghada sema' li l-ohrajn marru go xi kazin iehor.

In kontro-ezami, l-imputat ikkonferma illi dakinhar li kienu fil-kazin, hu, Franco u Charlie abbuzaw mid-droga kokaina. Meta gie ssuggerit lilu illi dakinhar kien hemm xi hadd iehor maghhom fil-Kazin u cioe` xi hadd bl-isem ta' Oliver, l-imputat wiegeb illi dan ikun hemm dejjem ghaliex huwa l-gharus tal-*barmaid*, u meta gie ssuggerit lilu mill-Ufficjal Prosekutur illi fil-fatt kien dan Oliver li finalment kien gab id-droga, huwa rega' qal illi dak li kien jiftakar kien li Charlie qal li kien jaf lil xi hadd mill-Gzira, izda ma kienx jaf kif kienet waslet effettivament. Qal illi l-flus kienu nghataw lil Franco u li kien gabarhom Franco, izda ma kienx jaf lil min inghataw sussegwentement dawn il-flus minn Franco. In ri-ezami, ix-xhud ikkonferma wkoll illi fil-kors tal-invesigazzjoni tieghu, huwa kien issottometta ruhu ghal test u li kien irrizulta pozittiv ghall-abbuz tad-droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jirrizulta car mill-provi prodotti u m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi f'jum f'Jannar tas-sena 2004, l-imputat, Franco Farrugia u Charles D'Anastasi abbuzaw mid-droga kokaina waqt li kienu qeghdin flimkien gewwa l-Kazin ta' Had-Dingli.

Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, illi dan kien kaz ta' traffikar *by sharing*. Fis-sottomissjonijiet tieghu, imbaghad, l-abbli Prosekutur spjega illi huwa ghamel din id-dikjarazzjoni ghaliex il-persuni nvoluti f'dan il-kaz, inkluz l-imputat, kienu ftehmu li jabbuzaw mid-droga dak il-hin stess, hargu l-flus bejniethom, xtraw il-kokaina u abbuzaw minnha fit-*toilet*. Mis-sottomissjonijiet tad-difiza, imbaghad, jirrizulta illi hemm qbil dwar dawn il-fatti.

Madankollu, sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-imputat kien hati ta' traffikar jew anke, ghall-grazzja tal-argument, ta' traffikar *by* sharing, li wara kollox jibqa' xorta wahda l-istess reat ta' traffikar salv illi l-ligi tipprovdi eccezzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena ghal darba wahda biss, fejn il-Qorti jidhrilha xieraq li tapplika tali eccezzjoni, trid tkun sodisfatta fil-grad rikjest mil-ligi, illi fil-fatt kien l-imputat li kien provda d-droga kokaina f'din l-okkazzjoni gewwa l-Kazin ta' Had-Dingli. Altrimenti kemm il-darba dan ma jirrizultax pruvat, il-Qorti ma tistax ghajr issib lill-imputat hati ta' pussess semplici ta' droga kokaina.

Il-Qorti fil-fatt ma tqisx illi gie pruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi f'din l-okkazzjoni gewwa l-Kazin ta' Had-Dingli, kien proprju l-imputat li pprokura d-droga kokaina. Dan ghaliex din il-Qorti tqis illi l-uniku xhud li jipponta lejn l-imputat, fis-sens illi jghid illi kien l-imputat li f'din l-okkazzjoni prokura d-droga kokaina, ossia Charles D'Anastasi, m'huwiex xhud kredibbli u dan in vista tad-diversi inkonsistenzi fix-xhieda tieghu. Fl-ewwel lok, l-istess Charles D'Anastasi kien gie investigat huwa stess dwar l-abbuz da parti tieghu

tad-droga kokaina, fi zmien meta huwa kien membru fil-korp tal-pulizija, liema investigazzjoni kellha ghalhekk certi konsegwenzi ghalih u ghall-posizzjoni li kien jokkupa. Fil-fehma tal-Qorti, D'Anastasi kellu kull interess li jippunta subajgh lejn haddiehor ghal dak li kellu x'jaqsam mal-provvista tad-droga kokaina u dan qed jinghad partikolarment fl-isfond tal-verzjonijiet differenti li ta l-istess D'Anastasi fix-xhieda tieghu, liema verzjonijiet kif inghad ma kinux konsistenti.

Fl-ewwel xhieda tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, D'Anastasi jghid *inter alia* illi l-imputat kien offrielu l-kokaina gewwa l-Kazin ta' Had-Dingli, li dan sehh f'xi tlieta jew erba' okkazzjonijiet u li fl-okkazzjoni tal-Kazin, Franco Farrugia ma kienx prezenti, izda kien hemm drabi li kien mieghu u mal-imputat. F'din l-ewwel xhieda tieghu, l-istess D'Anastasi jghid ukoll illi kien dejjem l-imputat li pprovda l-kokaina, li Farrugia lilu qatt ma pprovdielu kokaina, li huwa qatt ma hallas ghall-kokaina u li fl-ebda hin ma hareg il-flus. Fit-tieni xhieda tieghu, imbaghad, l-istess D'Anastasi, apparti li kkonferma l-ewwel xhieda tieghu, kkonferma wkoll xhieda ohra li kien ta fi proceduri separati fejn kien jinsab imputat hu. F'din l-okkazzjoni, l-istess D'Anastasi kien qal *inter alia* illi kien jixtri d-droga minghand nies differenti, li qatt ma deher hu meta xtara d-droga, li dejjem xtralu haddiehor u f'dan il-kuntest irrefera ghal Franco Farrugia u ghall-imputat. Qal ukoll li kien ilu jiehu d-droga ma' Farrugia u mal-imputat ghal xi hmistax jew tlett gimghat. Dwar il-*Cave Bar* gewwa Bugibba, huwa qal illi d-droga kien jixtriha haddiehor, jaqsmu bejniethom u mbaghad imissu t-*turn* tieghu. Qal illi hemmhekk kien ikun hemm ukoll l-imputat u Farrugia. F'xhieda ohra imbaghad fejn ikkonferma wkoll din ix-xhieda li ghadha kif ghamlet referenza ghaliha l-Qorti, meta gie mistoqsi liema mill-verzjonijiet tieghu kienet ezatta, l-ewwel twegiba ta' dan ix-xhud kienet illi t-*turn* tieghu qatt ma rnexxa ghax spicca l-Isptar. Wara jghid illi Farrugia qatt ma gab kokaina, izda l-imputat gieli gab u qal ukoll illi xtraw il-kokaina bil-kunsens tieghu. Qal ukoll illi sehmu ghad-droga kien hargu.

F'dan kollu, il-Qorti ma tistax ma tinnutax diversi inkonsistenzi. D'Anastasi l-ewwel jipponta subajgh lejn Farrugia u l-imputat fis-sens illi t-tnejn li huma

kienu jipprokuraw il-kokaina, izda sussegwentement jghid illi kien l-imputat biss li kien jipprovdiha. Jerga' fl-ahhar jghid ukoll illi dejjem xtraw bil-kunsens tieghu u allura jerga' jaghti x'jifhem li ma kienx l-imputat biss izda izjed minn persuna wahda li kienu jaghmlu dan. Fl-ewwel xhieda tieghu jghid ukoll illi huwa qatt ma hareg flus u qatt ma hallas ghad-droga kokaina li kienet tigi provduta lilu, izda imbaghad jghid illi sehmu kien hargu. Jghid ukoll illi kien ilu jabbuza mid-droga mal-imputat u ma' Farrugia ghal hmistax jew tlett gimghat, izda wara jghid ukoll illi t-*turn* tieghu qatt ma wasal ghax spicca l-isptar. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tinnutax kif fl-ewwel lok, meta huwa gie mistoqsi liema verzjoni kienet ezatta, ix-xhud kien pront jaghmel referenza ghal din il-parti tax-xhieda tieghu u pprova jezonera lilu nniffsu minn kull responsabilita` dwar dak li kien qal precedentement, fis-sens illi mbaghad kien jasal it-*turn* tieghu, billi jghid li t-*turn* tieghu fil-fatt qatt ma wasal u fit-tieni lok, kif, fl-istess nifs jghid ukoll illi kien ilu jabbuza mill-kokaina mal-imputat u ma' Farrugia ghall-hmistax jew tlett gimghat. F'punt minnhom jghid ukoll li Farrugia ma kienx prezenti fil-Kazin, izda li gewwa l-*Cave Bar* kien ikun hemm Farrugia u l-imputat, meta fil-fatt kemm mix-xhieda tal-imputat, kif ukoll mix-xhieda ta' Farrugia jirrizulta car illi l-unika darba li kienu lkoll flimkien D'Anastasi, Farrugia u l-imputat kienet fl-okkazzjoni tal-Kazin ta' Had-Dingli, u li gewwa l-*Cave Bar* f'Bugibba, l-imputat u D'Anastasi kienu ltaqghu darba, f'liema okkazzjoni Farrugia kien waqaf ghal *drink* u telaq. Din il-verzjoni ta' Farrugia u tal-imputat dwar kemm il-darba kienu ltaqghu ma' D'Anastasi kienet l-istess verzjoni li ta wkoll l-imputat fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine*. Ghalhekk ma jidhirx li kien minnu illi D'Anastasi kien ilu jabbuza mid-droga kokaina mal-imputat u ma' Farrugia ghal xi hmistax jew tlett gimghat, bhal ma lanqas ma jidher minnu illi l-imputat pprovdielu d-droga f'xi tlieta jew erba' okkazzjonijiet. Dwar x'gara ezattament gewwa l-*Cave Bar* fis-Sibt ta' qabel l-okkazzjoni li fiha l-imputat, D'Anastasi u Farrugia kienu ltaqghu fil-Kazin, lanqas ma tista' l-Qorti tasal ghal konvinciment morali illi kien l-imputat li pprovda d-droga kokaina lil D'Anastasi f'dik l-okkazzjoni, ghaliex ghalkemm jista' jkun li f'din l-okkazzjoni, l-imputat u D'Anastasi kienu abbuzaw mid-droga kokaina flimkien, izjed minn hekk, fid-dawl tal-inkonsistenzi kollha fix-xhieda ta' D'Anastasi, il-Qorti ma tistax tghid.

Ghal dak li jirrigwarda l-incident tal-Kazin ta' Had-Dingli, imbaghad, il-Qorti ghandha quddiemha wkoll ix-xhieda ta' Franco Farrugia, li kien prezenti wkoll f'din l-okkazzjoni u x-xhieda tal-imputat. Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minn Farrugia, liema stqarrija giet ikkonfermata minnu f'dawn il-proceduri, l-istess Farrugia jghid illi ma kienx jaf min kien pprovda l-kokaina f'dik l-okkazzjoni. Sussegwentement, f'dawn il-proceduri madankollu x-xhud jghid illi huwa kien ra lil D'Anastasi jiftah id-djarju tieghu u jaghmel xi telefonati, izda ma kienx jaf min kien provda d-droga u lanqas ma kien sema' x'kien qal D'Anastasi fuq it-telefon. F'dan ir-rigward, irid jinghad illi l-Qorti kif diversament preseduta, gibdet kemm il-darba l-attenzjoni tax-xhud ghall-fatt li kien qieghed taht gurament u sahansitra li ma kinitx qeghda temmen lix-xhud meta dan qal illi ma kienx sema' x'kien qal D'Anastasi fit-telefonata tieghu. In oltre dan ix-xhud kien irrilaxxja stqarrija ohra, liema stqarrija giet esebita f'dawn l-atti biss ghal fini ta' kontroll tax-xhud.

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Victor Gauci</u>**, deciza fis-26 ta' Jannar 2001, "*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le.*"

Issa fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu, ix-xhud Farrugia kien indika lil terza persuna – u cioe` la lil D'Anastasi u lanqas lill-imputat – bhala l-persuna li f'dik l-okkazzjoni tal-Kazin kienet prokurat id-droga kokaina. F'dan l-isfond u ghalkemm Farrugia f'dawn il-proceduri jispjega illi dakinhar tat-tieni stqarrija beda jghid dak li gieh f'mohhu sabiex ifittex jitlaq il'barra u li ghalhekk kien

ivvinta storja, zgur illi ma jistax jinghad illi x-xhieda tieghu f’dawn il-proceduri hija ta’ min jorbot fuqha.

Biss ix-xhieda ta’ Farrugia f’dawn il-proceduri giet ikkorroboratha mill-imputat li, fix-xhieda tieghu, jghid b’referenza ghall-okkazzjoni tal-Kazin ta’ Had-Dingli, meta gie mistoqsi minn fejn kienu gabu d-droga, illi D’Anastasi kien jaf lil xi hadd mill-Gzira u rah icempel, izda ma kienx jaf kif waslet id-droga fil-Kazin. Hu kien gie mitlub li jhallas sehmu, li l-flus kien gabarhom Farrugia, izda ma kienx jaf lil min inghataw minn Farrugia sussegwentement.

Fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi kien l-imputat li kien forna l-kokaina lill-hbieb tieghu dakinhar li abbuzaw mill-istess droga flimkien gewwa l-Kazin ta’ Had-Dingli. In oltre, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-Ufficjal Prosekutur, fil-kontro-ezami tieghu tal-imputat, issuggerixxa lill-istess imputat illi fil-fatt kienet terza persuna – certu Oliver – li finalment kien prokura d-droga kokaina fil-jum in kwistjoni – liema suggeriment madankollu ma giex konfermat mill-imputat, stante li sostna li ma kienx jaf kif waslet id-droga. Veru illi d-domanda ma taghmilx prova, izda l-Qorti ma tistax ma tinnutax dan is-suggeriment maghmul lill-imputat mill-Ufficjal Prosekutur.

Irid jinghad ukoll illi ghalkemm, l-imputat fix-xhieda tieghu jammetti illi huwa kien jabbuza d-droga kokaina ma’ Franco Farrugia ghaliex kienu hbieb, m’hemm l-ebda prova dwar min minnhom kien igib id-droga f’dawn l-okkazzjonijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi. Biss l-imputat qed jinstab hati tal-pussess semplici tad-droga kokaina, liema reat huwa kompriz u nvolut fir-reat ta’ pussess aggravat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, liema fedina penali ma kinitx wahda allarmanti. Qieset ukoll illi din il-kawza tirrisali ghal Jannar tas-sena 2004.

Mis-*Social Inquiry Report* ipprezentat mill-Ufficjal tal-*Probation* fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2009[8], jirrizulta illi skond dak li qal l-imputat lill-istess Ufficjal tal-*Probation*, huwa kien ilu ma jabbuza mid-droga kokaina minn Awwissu 2009 u illi matul il-kumpilazzjoni tal-istess rapport, huwa gie riferut ghas-servizzi tal-Agenzija Sedqa sabiex tigi indirizzata l-problema tieghu. L-imputat fil-fatt attenda ghal sessjoni inizzjali u sussegwentement kellu jigi kkuntattjat biex ikompli jigi segwit. Fit-18 ta' Novembru 2009, l-imputat issottometta ruhu ghal test, liema test irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi lleciti. Jirrizulta wkoll mill-istess rapport illi l-imputat minn dejjem kien biezel u dejjem hadem.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, b'dan illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni qed issibu **hati** ta' pussess illegali (semplici) tad-droga kokaina u tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (Eur 750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu

[8] A fol. 95 *et seq* tal-process.

jithallsu f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------